# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, it-Tlieta 21 ta' Frar, 2017**

**Kawża Numru 2(Kost.)**

**Rik. Nru. 36/04JRM**

Perit Joseph **BARBARA** u b'degriet tal-15 ta' Lulju, 2009, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis, aħwa Barbara, minħabba l-mewt tar-rikorrent fil-mori tal-kawża

vs

**AVUKAT ĠENERALI** u Direttur tax-Xogħlijiet

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Ottubru, 2004, li bih u għar-raġunijiet fih dettaljatament imfissra, ir-rikorrent talab (a) li l-Qorti ssib li s-sentenzi mogħtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru, 1993, mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 1995, u mill-imsemmija Qorti tal-Appell (fuq talba

għal ritrattazzjoni) fis-17 ta' Frar, 2003, jiksru l-jeddijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u kif ukoll il-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu skond l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni"); (b) f'każ li jidhrilha li għandha tqis l-ilment, tiddikjara li l-kliem "*basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża*" li jinsabu fl-artikolu 811(h) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma inkompatibbli mad-drittijiet fondamentali garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni għaliex iġibu fix-xejn is-salvagwardja li jmissha tingħata lil sentenzi li jkunu jikkostitwixxu ġudikat bl-għoti ta' sentenzi oħra li jingħataw wara kontra d-dispożittiv ta' dawk is-sentenzi ta' qabel; (ċ) jiġi dikjarat li ċ-ċaħda ta' għoti lilu ta' kumpens għal telf fil-valur tal-munita li seħħ mill-1971 (meta r-rikorrenti twaqqaf milli jissokta bil-ħatra mogħtija lilu mill-intimat) sa meta effettivament jitħallas il-kumpens lilu dovut huwa wkoll ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; u (d) l-Qorti tiddeċiedi li ż-żmien li ħadet biex tinqata' l-kawża mressqa minnu kontra t-twaqqif inġustifikat mill-ħatra mogħtija lilu jikkostitwixxi dewmien eċċessiv u għalhekk ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-28 ta' Ottubru, 2004, li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin, qalu li t-talbiet tar-rikorrent ma għandhomx jintlaqgħu għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Dwar l-ewwel talba, qalu li din tikser il-prinċipju tal-kompetenza tal-Qrati, għaliex ma tagħmilx ħlief stedina lil din il-Qorti biex tistħarreġ mill-ġdid mertu li kien jaqa' fil-kompetenza ta' Qrati oħrajn. Dwar it-tieni talba, qalu li ma jeżisti l-ebda dritt fondamentali li kawża terġa' tinstama' mill-ġdid, u l-limitazzjoni fuq l-impunjazzjoni ta' sentenza abbażi ta' nuqqas ta' osservanza tal-awtorita' ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat hija waħda raġonevoli. Dan apparti l-fatt li jgħidu li r-rikorrent naqas li jsemmi liema dritt fondamentali tiegħu jinkiser bil-kliem tal-artikolu 811(h) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li minnu jilmenta. Dwar it-tielet talba, qalu li r-rata ta' mgħax maħsuba mil-liġi għall-ħlas ta' kumpens li jsir wara ż-żmien li fih kellu jsir il-ħlas għandha titqies biżżejjed biex tagħmel tajjeb biex tikkumpensa lill-kreditur bħallikieku tħallas fil-ħin. Dan minbarra l-fatt li, fil-kawża li kien fetaħ kontra d-Direttur intimat, ir-rikorrent kien naqas milli jitlob l-ammont li kien jippretendi u illimita t-talba għal waħda ta' likwidazzjoni tal-ammont mistħoqq lilu. Minbarra dan, qalu li r-rikorrent ma weriex li, fiż-żmien rilevanti tal-kawżi, kien hawn f'Malta "xi sitwazzjoni ta' inflazzjoni straordinarja" li kienet titlob kumpens għat-telfien fil-valur tal-munita minbarra l-imgħax. Dwar ir-raba' talba, qalu li l-ħtija tad-dewmien sa ma nqatgħu l-kawżi kienet kollha tar-rikorrent

innifsu, minħabba inkonsistenzi, dewmien u bdil ta' pożizzjonijiet meħuda matul il-proċeduri mir-rikorrent innifsu;

Rat l-affidavit imressaq b'Nota tas-7 ta' Jannar, 2005[1], bix-xhieda tar-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2005, li bih ordnat li l-atti tal-kawża numru 558/73 fl-ismijiet "Perit Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi" maqtugħa finalment fis-17 ta' Frar, 2003, jinġiebu quddiemha ħalli tkun tista' tqishom meta teżamina l-ilmenti tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tal-intimati;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent in kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2005, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-18 ta' Marzu, 2005[2];

Semgħet it-trattazzjoni fit-tul tal-avukati tal-partijiet (li ġiet reġistrata);

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża 558/73AJM;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi fil-qofol tagħha din hija kawża dwar ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq u wkoll ta' telf ta' tgawdija bla xkiel ta' ħwejjeġ ir-rikorrent. Il-ksur allegat tal-ewwel jedd jinbena fuq żewġ ċirkostanzi: (a) l-għoti ta' sentenza li bidlet dak li kien ġie stabilit b'sentenza oħra mogħtija qabel u li kienet saret ġudikat u (b) id-dewmien eżaġerat li seħħ biex il-kawża nqatgħet. Il-ksur allegat tat-tieni jedd jikkonsisti f'li l-kumpens li kellu jingħata lir-rikorrent u sakemm jirċevih, se' jkun biss l-imgħax stabilit mil-liġi, li, skond ir-rikorrent, ma jiħux qies tat-telf tal-valur tal-flus matul l-erbgħa u tletin (34) sena li għaddew minn mindu twaqqaf mit-twettiq tal-ħatra tiegħu sa dakinhar li tħallas dak li kien kanoniżżat bis-sentenzi;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrent ma għandhomx jintlaqgħu għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Dwar l-

[1] Paġġ. 22 – 3 tal-proċess
[2] Paġġ. 29 sa 36 tal-proċess

ewwel talba, qalu li din tikser il-prinċipju tal-kompetenza tal-Qrati, għaliex ma tagħmilx ħlief stedina lil din il-Qorti biex tistħarreġ mill-ġdid mertu li kien jaqa' fil-kompetenza ta' Qrati oħrajn. Dwar it-tieni talba, qalu li ma jeżisti l-ebda dritt fondamentali li kawża terġa' tinstama' mill-ġdid, u l-limitazzjoni fuq l-impunjazzjoni ta' sentenza abbażi ta' nuqqas ta' osservanza tal-awtorita' ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat hija waħda raġonevoli. Dan apparti l-fatt li jgħidu li r-rikorrent naqas li jsemmi liema dritt fondamentali tiegħu jinkiser bil-kliem tal-artikolu 811(h) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li minnhom jilmenta. Dwar it-tielet talba, qalu li r-rata ta' mgħax maħsuba mil-liġi għall-ħlas ta' kumpens li jsir wara ż-żmien li fih kellu jsir il-ħlas għandha titqies biżżejjed biex tagħmel tajjeb biex tikkumpensa lill-kreditur bħallikieku tħallas fil-ħin. Minbarra dan, qalu li r-rikorrent ma weriex li, fiż-żmien rilevanti tal-kawżi, kien hawn f'Malta "xi sitwazzjoni ta' inflazzjoni straordinarja" li kienet titlob kumpens għat-telfien fil-valur tal-munita minbarra l-imgħax. Dwar ir-raba' talba, qalu li l-ħtija tad-dewmien sa ma nqatgħu l-kawżi kienet kollha tar-rikorrent innifsu, minħabba inkonsistenzi, dewmien u bdil ta' pożizzjonijiet meħuda matul il-proċeduri mir-rikorrent innifsu;

Illi l-fatti ewlenin li jirrigwardaw il-każ juru li f'April tal-1969, ir-rikorrent inħatar konsulent mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-proġett ta' bini ta' djar tal-Gvern fir-Rabat, Malta. Waqt li kien għadu għaddej l-imsemmi proġett, f'Ottubru tal-1971, ir-rikorrenti twaqqaf milli jkompli jwettaq dik il-ħatra. F'Lulju tal-1973, hu fetaħ kawża kontra d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li fiha talab li l-fatt li huwa tneħħa mill-ħatra unilateralment u bla ebda raġuni tajba fil-liġi jagħtih il-jedd ta' kumpens skond it-Tariffa K (tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u mhux iżjed skond is-somma miftehma fl-ittra tal-ħatra tiegħu, u talab ukoll il-kundanna tal-istess Direttur għall-ħlas lilu "anke in linea ta' danni bħala bilanċ tal-onorarju tiegħu rigwardanti l-proġett imsemmi s-somma ta' sebat elef lira (LM 7,000) jew kwalunkwe somma oħra verjuri, ikbar jew iżgħar, li tirriżulta dovuta, bl-interessi min-notifika tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Lulju, 1972";

Illi b'sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 1983, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħetha li (a) r-rikorrent kien tneħħa mill-ħatra mill-imħarrek unilateralment u bla ebda raġuni tajba fil-liġi, (b) minħabba f'hekk, ir-rikorrent ma kienx għadu marbut bis-somma miftehma dwar l-onorarju tiegħu, ħlief safejn jirrigwarda dak ix-xogħol li kien intemm qabel tneħħa mill-ħatra, imma kienet tgħodd it-Tariffa tal-Periti (Tariffa K), u (ċ) ikkundannat lill-imħarrek iħallas lir-rikorrent il-kumpens li kien ikun dovut li kieku tħalla jtemm il-ħatra tiegħu. Dik is-sentenza kienet konfermata għal kollox f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1987, li reġgħet bagħtet l-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti biex issir il-likwidazzjoni tal-kumpens mistħoqq;

Illi b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 1993, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illikwidat il-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' LM 5,605.89, bl-imgħaxijiet legali fuq dak l-ammont b'seħħ minn dak inhar tas-sentenza. Ir-rikorrent (attur f'dik il-kawża) appella u l-imħarrek (l-intimat Direttur tax-Xogħlijiet fil-kawża tal-lum) ressaq appell inċidentali. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju, 1995, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrent dwar is-somma likwidata, ċaħdet l-appell inċidentali tal-imħarrek imma laqgħet l-appell tar-rikorrenti dwar iż-żmien minn meta beda jgħaddi l-imgħax fis-sens li ordnat li l-imgħax fuq l-ammont likwidat kellu jibda jgħodd mit-12 ta' Lulju, 1972;

Illi f'Ottubru, 1995, ir-rikorrent ressaq talba biex il-Qorti tal-Appell tirritratta mill-ġdid il-kawża maqtugħa bis-sentenza tal-5 ta' Lulju, 1995 u dan għar-raġuni li dik is-sentenza tmur kontra dispożittiv ta' sentenza oħra maqtugħa qabel bejn il-partijiet u li saret ġudikat (art. 811(ħ) tal-Kap 12) u fuq ir-raġuni li dik il-Qorti applikat għall-każ il-liġi ħażina (art. 811(e) tal-Kap 12);

Illi d-Direttur intimat ħallas lir-rikorrent l-ammont likwidat fis-sentenzi matul l-1996[3];

Illi l-Qorti tal-Appell appuntat is-smigħ tar-Rikors ghar-Ritrattazzjoni għall-15 ta' Novembru, 1996, wara li r-rikorrent kien ressaq talba b'rikors f'Mejju ta' dik is-sena biex jitlob li l-Qorti tappunta l-kawża. Fl-ewwel smigħ effettiv tal-25 ta' Frar, 1997, tqanqlet il-kwestjoni tal-astensjoni ta' tnejn mill-imħallfin komponenti dik il-Qorti, minħabba li kienu parti mill-Qorti li tat is-sentenza li tagħha kienet qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni. Iż-żewġ imħallfin astjenew mill-każ b'noti mressqin dak inhar stess. Il-kawża baqgħet tiġi differita għall-prolazzjoni tas-sentenza (dwar l-astensjoni mitluba) sa Jannar tal-2002, meta l-Qorti reġgħet ġiet komposta mill-ġdid wara t-temm tal-ħatra tal-Prim'Imħallef. Fis-smigħ tal-11 ta' Marzu, 2002, tressqet Nota ta' Astensjoni mill-Prim'Imħallef, li kien wieħed mill-imħallfin li ta s-sentenza impunjata. Waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2002, sar verbal fis-sens li l-kwestjoni dwar l-astensjoni ma kienx għad hemm lokha, u l-kawża setgħet titħalla għat-trattazzjoni fil-mertu. Il-każ kien trattat waqt is-smigħ tat-22 ta' Ottubru, 2002, u tħalliet għas-sentenza waqt is-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2002. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar, 2003, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent għat-tħassir tas-sentenza tal-5 ta' Lulju, 1995 u s-smigħ mill-ġdid tal-appell;

Illi din il-kawża tressqet fit-13 ta' Ottubru, 2004;

[3] Xhieda tar-rikorrent f'paġ. 27 tal-proċess

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li din il-Qorti trid tagħmel f'dan il-każ iridu jinżammu strettament mal-ilmenti mressqin mir-rikorrent u man-natura partikolari ta' din il-kawża, jiġifieri l-aspetti tagħha ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali li r-rikorrent jgħid li ġarrab minħabba u matul il-mixja ġudizzjarja tal-kawża mressqa minnu kontra l-intimat Direttur tax-Xogħlijiet fl-1973. Għalkemm il-qofol tal-ilment huwa msejjes fuq il-ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq sewwasew fil-proċeduri ta' dik il-kawża, din il-Qorti trid toqgħod attenta li tibqa' fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha u ma twettaqx proċess ta' stħarriġ mill-ġdid tal-mertu li kien jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati li quddiemhom imxiet dik il-kawża;

Illi, fid-dieher, ir-rikorrent qiegħed jibni l-każ tiegħu fuq żewġ ilmenti ta' ksur ta' jedd fundamentali kif imħarsin kemm taħt il-Konvenzjoni u kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni – jiġifieri dak ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dak ta' teħid ta' pussess mingħajr kumpens xieraq[4] – u għalhekk l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel irid idur biss mal-imsemmija żewġ jeddijiet. Madankollu, il-Qorti trid tiċċara li r-rikorrenti innifsu fl-affidavit tiegħu[5], jiddikjara espressament li "nagħmilha ċara li l-ilmenti tiegħi huma kollha kemm huma bbażati fuq vjolazzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja", liema dikjarazzjoni wkoll din il-Qorti ma tistax ma żżommx quddiem għajnejha hi u tqis is-siwi tal-ilmenti tiegħu u x'kellu f'moħħu meta fetaħ din il-kawża;

Illi r-rikorrent jaqsam ir-Rikors li bih fetaħ din il-kawża fuq tliet (3) taqsimiet: l-ewwel taqsima titkellem dwar l-għoti ta' sentenzi li jmorru kontra xulxin dwar dak li kien deċiż qabel; it-tieni taqsima titkellem dwar kif xi wħud mis-sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Appell ċaħħduh mill-kumpens xieraq li kien jistħoqqlu wkoll fis-sura tad-danni li ġarrab minħabba li l-ħatra tiegħu twaqqfet qabel il-waqt; filwaqt li t-tielet taqsima titkellem dwar kemm damet miexja l-kawża li fetaħ kontra d-Direttur intimat sa ma nqatgħet għal kollox;

Illi kif ingħad, ir-rikorrent isejjes dawn l-ilmenti tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi, fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjonijiet ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti*

[4] Ara Paragrafi 16, 19 u 20 tar-rikors promotur
[5] Paġ 22 tal-proċess

*bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem dwar il-ħtieġa li kull qorti jew awtorita' ġudikanti oħra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali. Minbarra dan ir-rekwiżit kostitutiv, huwa jedd ta' kull persuna li tersaq quddiem qorti jew awtorita' ġudikanti bħal dik irid ukoll li jingħatalha smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli;

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-parti rilevanti għal din il-kawża jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent fl-ordni li tressqu t-talbiet tiegħu;

Illi **għar-rigward tal-ewwel talba** jibda biex jingħad li r-rikorrent qiegħed jimmira l-ilmenti tiegħu ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tiegħu lejn is-sentenzi infushom li iddeterminaw il-ġrajja ġudizzjarja bejnu u d-Direttur intimat. Huwa jgħid li s-sentenzi mogħtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 1993 u l-oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 1995, imorru kontra d-dispożittiv tas-sentenzi mogħtijin mir-rispettivi Qrati fit-22 ta' April, 1983 u l-4 ta' Novembru, 1987. B'mod partikolari, ir-rikorrent jgħid li bl-aħħar żewġ sentenzi tal-1993 u tal-1995, inġab fix-xejn il-kliem "*li kieku kien imħolli jespleta l-inkarigu lilu mogħti*" li jinsabu fil-parti dispożittiva tas-sentenzi tal-1983 u tal-1987 u li kienu saru ġudikat bejn l-istess partijiet. Huwa jgħid li s-sentenzi mogħtijin fl-1993 u fl-1995, safejn warrbu dak li kien ġie determinat fiż-żewġ sentenzi ta' qabel, kien jissarraf f'nuqqas proċedurali hekk qawwi u radikali li jwassal għall-ksur tal-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq;

Illi fis-sewwa, jidher li huwa jiffoka fuq sentenza waħda, u jiġifieri dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-17 ta' Frar, 2003. Huwa fil-proċedura mnedija minnu għar-ritrattazzjoni tal-kawża maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 1995, li jsejjes l-aggravju tiegħu li dik is-sentenza u s-sentenza li minnha kien sar appell ma mxewx mas-sentenzi li kienu ngħataw qabel u li kienu jikkistitwixxu l-ġudikat (minkejja li kien diġa' qajjem din il-kwestjoni fl-aggravji tiegħu fil-Petizzjoni tal-Appell mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla f'Ottubru tal-1993);

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li dan l-ilment tar-rikorrent qiegħed jintuża bħala skuża ħalli jara x'jagħmel biex jiftaħ mill-ġdid id-diskussjoni li nqatgħet darba għal dejjem bis-sentenzi mogħtijin fil-kawża miftuħa minnu u li l-partijiet, jaqblu jew ma jaqblux, imisshom joqogħdu għalihom. Fit-trattazzjoni tal-għaref difensur tal-intimati, jerġa' jitqajjem il-punt dwar jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex wieħed li jattakka r-raġunament tas-sentenzi u mhux is-siwi tagħhom. Il-Qorti tqis li dan ukoll seta' kien tentattiv biex hija tgħaddi biex terġa' tistħarreġ il-mertu li dwaru diġa' ngħataw sentenzi li saru ġudikat;

Illi din il-Qorti jidhrilha li ma għandha bl-ebda mod twettaq is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent (jew il-kontestazzjonijiet tal-intimati għal dawk l-ilmenti) billi terġa' tiftaħ il-kwestjoni li, tajjeb jew ħażin, kienet mistħarrġa u maqtugħa mill-Qorti tal-Appell. Dan jaqblu fuqu ż-żewġ naħat. Taħt din it-taqsima tal-ilment tar-rikorrent kulma sejra tagħmel din il-Qorti hu li tqis jekk huwiex minnu li bis-sentenzi mogħtijin f'Ottubru tal-1993 (mill-Prim'Awla) u f'Lulju tal-1995 (mill-Qorti tal-Appell) kienx tassew twarrab dak li kien jagħmel mill-parti tad-"*decide*" tas-sentenzi mogħtijin f'April tal-1983 (mill-Prim'Awla) u f'Novembru tal-1987 (mill-Qorti tal-Appell) u, jekk kemm-il darba ġara hekk, ikunx ifisser li r-rikorrent ikollu raġun jgħid li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Iż-żewġ partijiet jaqblu li dawn l-aħħar żewġ sentenzi – tal-1983, kif konfermata kważi f'kollox b'dik tal-1987 – kienu jikkostitwixxu ġudikat bejniethom;

Illi dak li l-partijiet f'din il-kawża ma jaqblu xejn bejniethom hu dwar is-sentenzi mogħtijin fl-1993 u fl-1995. Ir-rikorrent jgħid li dawn warrbu l-ġudikati msemmija, filwaqt li l-intimati jiċħdu li kien hekk u jisħqu li fis-sentenzi attakkati l-Qrati bnew fuq dak li kien deċiż fis-sentenzi ta' qabel;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ġudikat jirreferi għall-parti deċiżiva jew dispożittiva ta' sentenza u mhux għad-deliberazzjonijiet jew għall-konsiderazzjonijiet li jsiru f'sentenza, għalkemm dawn huma maħsuba li jfissru r-raġunijiet għaliex Qorti tkun waslet biex qatgħet il-kawża kif qatgħetha;

Illi f'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti sejra turi x'kienu jgħidu l-partijiet dispożittivi tal-erba' sentenzi milquta biex b'hekk tkun f'qagħda li tqis jekk kienx hemm tabilħaqq twarrib ta' xi dispożizzjoni minnhom bis-sentenzi li ngħataw wara;

Illi fis-sentenza tagħha tat-22 ta' April, 1983, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħetha li: "*(1) tiddikjara li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u mingħajr raġuni valida fil-liġi l-inkarigu li kien ikkommettielu; (2) li, per konsegwenza, l-attur mhux marbut kwantu għall-onorarju bl-ittra tan-nomina tiegħu tat-28 ta' April, 1969, ħlief safejn kien laħaq sar ix-xogħol, sakemm il-kuntratt kien mitmum, u (3) li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bħala bilanċ tal-onorarju tiegħu, il-kumpens li jirriżulta li huwa għandu jitħallas a bażi tat-Tariffa tal-Periti (it-Tariffa K tat-Tielet Skeda tal-Iskeda A annessa mal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili) li kieku kien imħolli jespleta l-inkarigu lilu mogħti. U billi dan il-kumpens ma ġiex likwidat mill-Perit Tekniku, Paul Mercieca, għax dan għamel il-likwidazzjonijiet tiegħu fuq bażi oħrajn, li mhux dawk li sabet din il-Qorti, tinnominah mill-ġdid biex, a spejjeż provviżorjament tal-attur, jillikwida l-kumpens dovut lill-attur għa (sic) tenur u fuq il-linja ta' din id-deċiżjoni u tirriserva d-deċiżjoni finali tagħha għal wara li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-perit. Għall-fini ta' dan l-inkarigu ġdid il-Perit Tekniku huwa awtorizzat jibbaża ruħu fuq ix-xhieda diġa' mismugħa minnu fil-qadi tal-inkarigu oriġinali tiegħu. Huwa ma għandux jerġa' jisma' xhieda, ħlief jekk hu jidhirlu li għandu bżonn jiċċara xi ħaġa jew xi punti. Huwa għandu jieħu f'kunsiderazzjoni ż-żewġ noti li ġew ippreżentati preċiż qabel il-prolazzjoni ta' din is-sentenza fil-komputazzjoni li għandha ssir dwar l-interessi li għandhom jitħallsu lill-attur u jagħmel ukoll l-osservazzjonijiet li jidhirlu opportuni dwar dawn l-interessi*";

Illi fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru, 1987, il-Qorti tal-Appell qatgħetha li: "*tiddeċidi billi tiċħad sija l-appell prinċipali bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant kif ukoll l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-attur appellat u tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tibgħat lura lill-Ewwel Qorti l-atti tal-proċess għall-kontinwazzjoni skond il-liġi*";

Illi fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħetha li: "*fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' it-talba attriċi u konsegwentement tillikwida l-ammont bilanċjali dovut lill-attur għal prestazzjonijiet minnu mogħtija lill-konvenut fis-somma ta' ħames telef (sic) sitt mija u ħames liri maltin disa' u tmenin ċenteżmu (LM 5605.89) u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imgħax legali mil-lum*";

Illi fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 1995, il-Qorti tal-Appell Ċivili qatgħetha li: "*tiddisponi miż-żewġ appelli kif ġej, u cioe' billi fl-ewwel lok tirrespinġi l-appell inċidentali tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi bl-ispejjeż relattivi a kariku tiegħu, fit-tieni lok, l-appell prinċipali tal-attur biss inkwantu jirrigwarda l-kwistjoni tal-imgħax u tiċħdu fil-kumplament, u konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss inkwantu kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur l-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata u minflok tordna lill-attur (sic) iħallas l-imgħax legali fuq is-somma likwidata mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali msemmija, u cioe' mit-12 ta' Lulju, 1972, u tikkonfermaha fil-kumplament kollu tagħha. L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu sopportati kif ser jingħad. Ta' dan l-appell prinċipali jiġu sopportati kwantu jirrigwarda l-kap tal-imgħax legali, billi dan l-appell qed jiġi akkolt fir-rigward, l-ispejjeż relattivi għandhom ikunu a kariku tal-konvenut appellat; kwantu jirrigwarda ż-żewġ aggravji l-oħra tal-appellant u cioe' dak fejn talab il-kundanna għal disat elef ħames mija u disgħa u għoxrin liri maltin tmienja u sittin ċenteżmu u disa' milleżmi (LM 9529.689) flok fis-somma likwidata mill-ewwel Qorti, l-ispejjeż relattivi għandhom ikunu a kariku esklussiv tiegħu. Dawk relattivi għat-tieni aggravju tal-appellant, cioe' dak li jirrigwarda r-rata ta' telf fil-valur tal-munita minħabba l-inflazzjoni, minħabba l-kwistjoni legali involuta, għandhom jiġu sopportati billi kull parti ssofri l-ispejjeż relattivi tagħha*";

Illi jidher xieraq li jingħad li l-kwestjoni tan-nuqqas ta' tħaris tal-parti dispożittiva ta' sentenza mogħtija qabel tqajmet l-ewwel darba mir-rikorrent fil-Petizzjoni tal-Appell tiegħu mressqa minnu fit-23 ta' Novembru, 1993[6], u li rabatha mal-ammont likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru, 1993. Min-naħa tiegħu, id-Direttur intimat fl-appell (inċidentali) tiegħu mill-imsemmija sentenza wkoll semma l-kwestjoni tan-nuqqas ta' qbil mas-sentenzi ta' qabel, fejn seħaq li meta dik l-ewwel Qorti laqgħet il-likwidazzjoni magħmula mill-Perit Tekniku minnha maħtur ma kenitx imxiet "fedelment" ma' dak li kienet qatgħet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru, 1987, fis-sens li "*huwa evidenti li għax-xogħol li laħaq għamel l-attur għandu jitħallas skond il-ftehim*";

Illi fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 1995, il-Qorti tal-Appell indirizzat dak l-aggravju tad-Direttur billi, filwaqt li semmiet is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fit-22 ta' April, 1983, żiedet tgħid li "*l-attur mhux marbut kwantu għall-onorarju bl-ittra tan-nomina tiegħu tat-28 ta' April, 1969, ħlief sa fejn kien laħaq sar ix-xogħol, sakemm il-kuntratt ġie mitmum*". Dik l-imsemmija Qorti mbagħad issoktat tagħmilha ċara li kieku kellha tilqa' l-appell inċidentali tal-istess Direttur imħarrek, "*kien jimporta li din il-*

[6] Ara paġġ. 19 – 21 tal-Atti tal-Appell fil-kawża Nru. 558/73

*Qorti tmur lura fuq id-deċiżjoni tagħha preċedenti li għaliha diġa' saret referenza, u li biha pero' id-drittijiet reċiproċi tal-partijiet diġa' jikkostitwixxu '*res judicata*' bejniethom u ma jistgħux jintmissu. Din il-Qorti kienet għamlitha ċara kif għandu jiġi regolat il-ħlas għad-drittijiet professjonali tal-attur, kemm għal dak li jirrigwarda x-xogħol li laħaq sar qabel ma ġie terminat il-kuntratt lilu, kif ukoll għal xogħol rimanenti, u minn din il-pożizzjoni la din il-Qorti u lanqas il-partijiet ma jistgħu jiċċaqalqu*". B'dan il-mod, l-imsemmija sentenza indirizzat ukoll l-aggravju tar-rikorrent dwar l-imsemmija sentenza, u sabet li, bl-istess argument tiegħu kien qiegħed jaqa' f'kontradizzjoni "*fis-sens illi, filwaqt li qed jippretendi li dawn is-sentenza (sic) imsemmija llum għaddew in ġudikat, dak li qiegħed jissottometti huwa hija interpretazzjoni diversa minn dak li effettivament ġie deċiż u applikat korrettement mill-Perit Tekniku u wkoll mill-ewwel Qorti*";

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn is-siltiet tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza attakkata mir-rikorrent tixhed b'mod ċar li l-Qorti tal-Appell kienet qiegħda tagħraf bis-sħiħ ir-rabta tas-sentenza li kienet ingħatat minnha qabel f'Novembru tal-1987 u kienet qiegħda tistħarreġ il-kwestjoni mqajma mill-partijiet appellanti tal-ġudikat li nħalaq b'dik is-sentenza ta' qabel;

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2003, li ċaħdet it-talba tar-rikorrent (li kien ukoll ir-ritrattant f'dik il-kawża) biex titħassar is-sentenza tal-5 ta' Lulju, 1995, u biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid, il-Qorti stħarrġet ukoll jekk kienx minnu li bejn is-sentenzi mogħtijin fl-1983 u fl-1987 u dawk mogħtijin fl-1993 u fl-1995 kienx hemm dispożizzjonijiet kuntrarji u sabet mhux biss li ma kienx hemm tali konflitt, talli qieset ukoll li b'mod effettiv l-istess rikorrent kien qajjem il-kwestjoni tal-ġudikat fl-appell tiegħu mis-sentenza tal-1993 u għaldaqstant ma kienx hemm lok għat-tħassir tas-sentenza taħt dik il-kawżali;

Illi għall-finijiet ta' jedd għal smigħ xieraq huwa stabbilit illi bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati li taw is-sentenzi li r-rikorrent jilmenta minnhom. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilmenta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom[7]. B'mod partikolari ngħad li "*.. .. d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix il-*

[7] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Cutajar vs Avukat Ġenerali et***

*korrettezza tas-sentenza fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea*"[8]. Il-Qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-Qorti kien arbitrarju jew irraġonevoli għal kollox[9];

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilment tar-rikorrenti taħt din it-taqsima ma huwiex mistħoqq u ma jirriżultalhiex li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-imsemmija sentenzi jew dak li jingħad fihom. B'mod partikolari, il-Qorti tqis li r-rikorrent qajjem kwestjoni li ddur mal-interpretazzjoni tal-imsemmija sentenzi u mhux daqstant mas-siwi tagħhom. Ir-rikorrent ma qajjem l-ebda lment dwar l-aspett tal-imparzjalita' tal-Qrati li taw is-sentenzi li minnhom jilmenta u lanqas wera li fl-għoti tal-istess sentenzi kien hemm xi nuqqasijiet li ma ħarsux l-element tat-trattament indaqs bejn il-kontendenti f'xi waqt li l-kawża kienet qiegħda tiġi ittrattata u dibattuta. Huwa jibqa' jisħaq li s-sentenzi mogħtijin fl-1993 u l-1995 warrbu dak li ipprovdew is-sentenzi tal-1983 u tal-1987, iżda l-Qorti ma ssibx li din il-pretensjoni toħroġ tassew minn qari tal-istess sentenzi u tgħid li lanqas ma setgħet tfixkel jew iżżomm l-eżekuzzjoni tagħhom. Kemm hu hekk, jidher li kien bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995 li r-rikorrent, f'xi żmien matul l-1996, ħareġ Mandat eżekuttiv biex jiġbor mingħand id-Direttur intimat il-ħlas kanoniżżat b'dik is-sentenza;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel talba tar-rikorrent hija mistħoqqa u għalhekk mhix sejra tilqagħha;

Illi **dwar it-tieni talba tar-rikorrent** xieraq jingħad li din it-talba saret subordinatament għall-ewwel waħda u, b'żieda ma' dan, saret b'mod li tħalliha f'idejn il-Qorti li tara jekk għandhiex tinvestiha bħala parti mill-ilment tiegħu. F'din it-talba, ir-rikorrent irid li l-Qorti ssib li l-kliem "*basta li l-eċċezzjoni ta'* res judicata *ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża*" li jinsab fl-artikolu 811(ħ) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili "huwa inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali garantiti mill-Konvenzjoni Ewropeja u mill-Kostituzzjoni billi jġib fix-xejn is-salvagwardja importanti

[8] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***J.E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali et***
[9] Kost. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Joseph Farruġia vs L-Avukat Ġenerali***

kontra sentenzi li jingħataw kontra d-dispositiv ta' sentenza preċedenti li tkun għaddiet in ġudikat";

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar din it-talba, ir-rikorrent jitlaq mill-punt li s-sentenzi mogħtijin mill-Prim'Awla f'Ottubru tal-1993 u mill-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995 kienu warrbu (jew ma tawx każ) dak li kien deċiż fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-1983 u tal-Qorti tal-Appell fl-1987. Huwa jgħid li bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fi Frar tal-2003, seħħ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li dik il-Qorti warrbet it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq il-bażi li, għalkemm ma kenitx tqajmet formalment l-eċċezzjoni tal-ġudikat, dik il-Qorti xorta waħda qieset jekk kellhiex tordna r-ritrattazzjoni bħallikieku l-eċċezzjoni kienet effettivament tqajmet. Huwa jgħid li fejn sentenza mogħtija f'kawża fuq l-istess ħaġa u bejn l-istess partijiet tkun kuntrarja għal sentenza oħra mogħtija qabilha li tkun saret ġudikat għandha dejjem titqies bħala raġuni valida biex jingħata d-dritt tar-ritrattazzjoni tal-kawża irrispettivament minn jekk l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tkunx tqajmet jew ġietx deċiża;

Illi fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jgħid li dan il-fatt jikser kemm il-jedd għal smigħ xieraq imħares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni u kif ukoll il-jedd għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti mħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi f'dan ir-rigward l-intimati jilqgħu billi jgħidu li ma hemm l-ebda jedd fundamentali lil ebda persuna biex tingħata r-rimedju tar-ritrattazzjoni ta' kawża. Iżidu jgħidu wkoll li, f'kull każ, il-limitazzjoni magħmula fl-artikolu 811(ħ) tal-Kap 12 dwar il-kwestjoni tal-eċċezzjoni tar-'*res judicata*' hija waħda raġonevoli u permessa f'kull ordinament ġuridiku fejn proċediment speċjali jiddaħħal bħala parti mis-sistema ġudizzjarju. L-intimati jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti li r-rikorrent ma jgħidx liema jedd fundamentali tiegħu jiksrulu l-kliem fl-imsemmi artikolu li jistabilixxu l-limitazzjoni msemmija;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li ladarba hija waslet għall-fehma li l-ewwel talba tar-rikorrent mhijiex mistħoqqa, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' tidħol fil-kwestjoni, l-aktar minħabba l-fatt li eżerċizzju bħal dan jista' jsarraf f'wieħed ta' siwi biss tejoretiku. Fit-tieni lok, ir-raġuni li fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar, 2003, il-Qorti tal-Appell ma laqgħetx it-talba tar-rikorrent għar-ritrattazzjoni msejsa fuq l-imsemmi artikolu 811(ħ) ma kenitx marbuta biss mal-kwestjoni dwar jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat kenitx tqajmet formalment jew le. Kien hemm raġuni oħra li semmiet dik il-Qorti u din waħedha kienet biżżejjed biex biha dik l-istess Qorti setgħet tasal għall-istess fehma li waslet għaliha biex tqis jekk kienx hemm raġuni tajba li tħassar is-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 1995 u terġa' tisma' l-appell mill-ġdid. Fit-tielet lok, jidher li r-rikorrent ukoll jemmen li l-

kwestjoni tal-ġudikat kienet tqajmet qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995, imma jgħid li, jekk kemm-il darba f'sentenza mogħtija wara oħra li tkun saret ġudikat, il-jedd ta' ritrattazzjoni għandu jkun disponibbli lill-partijiet f'dik il-kawża bla ebda limitazzjonijiet;

Illi l-Qorti tqis li r-rimedju tar-ritrattazzjoni għandu jinftiehem fil-qafas xieraq tiegħu u jiġifieri bħala rimedju mhux ordinarju biex bih jintalab – fil-każijiet maħsuba mil-liġi – it-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid ta' kawża. Fir-rigward ta' dan l-aspett partikolari fejn il-liġi tikkontempla r-ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(ħ) tal-Kap 12 ingħad li "jeħtieġ li l-ewwel sentenza ma tkunx ġiet a konjizzjoni tal-imħallef u dan ikun iddeċieda dwar jekk din tikkostitwixxix *res judicata* jew le. Għax anke jekk jiddeċiedi ħażin, jew tiġi mqajma l-eċċezzjoni tar-res judicata u l-imħallef addirittura ma jagħtix kasha, l-iżball ikun żball tal-ġudizzju, u mhux żball frott li l-imħallef ma jkunx jaf bl-ewwel sentenza, u l-azzjoni tar-ritrattazzjoni tiġi respinta"[10];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti ssib li hawnhekk ukoll ma jirriżultax li l-limitazzjonijiet li jinsabu fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 811(ħ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ħolqu jew ġabu magħhom, fil-każ konkret tar-rikorrent, xi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Lanqas ma tfisser sewwa kif l-imsemmija kliem iwasslu għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li t-tieni talba tar-rikorrent hija mistħoqqa u mhijiex sejra tilqagħha;

Illi **dwar it-tielet talba** tiegħu, ir-rikorrent jgħid li minħabba l-mod kif ingħataw is-sentenzi mill-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995 u fi Frar tal-2003, huwa ġarrab telf sostanzjali fil-kumpens li kellu jieħu mingħand id-Direttur intimat, stante li, kieku tħallas dak li kien jistħoqqlu meta tkeċċa mill-ħatra (fl-1971) "il-valur tal-flus kien ikun ferm aktar minn dak li ser jipperċepixxi llum, tant snin wara, meta l-istess somma ta' flus għandha valur ferm anqas milli kemm kien dakinhar". Minħabba f'hekk, huwa jgħid li ċ-ċaħda (fis-sentenzi li minnhom jilmenta) tal-għoti tal-kumpens għat-telf fil-valur tal-munita jġiblu ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu skond l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrent jgħid li ma kienx sewwa li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 1995, ma kenitx laqgħet l-aggravju tiegħu dwar it-telf fil-'valur reali' tal-kumpens likwidat mill-

[10] G Merċieca Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi pġ. 148

ewwel Qorti. Biex isaħħaħ dan l-argument tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għal xi każijiet li tressqu quddiem il-Qorti fi Strasbourg biex juri li d-dewmien min-naħa tal-awtorita' pubblika fil-ħlas ta' kumpens likwidat iwassal għall-ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[11] b'rabta mal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[12]. Huwa jisħaq li l-ħlas waħdu tal-imgħaxijiet ma għamilx tajjeb biex ġab ir-"*restitutio in integrum*" li huwa kien jistħoqqlu wara li ntemmitlu l-ħatra;

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li l-ħlas tal-imgħax fuq is-somma li kellu jitħallas ir-rikorrent kien rimedju tajjeb u raġonevoli biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-temm tal-ħatra tiegħu u taż-żmien li ttieħed sakemm l-ammont xieraq kien likwidat. Huma jgħidu li l-fatt li l-Qorti tal-Appell ordnat li tali mgħax jibda jgħaddi minn dakinhar li d-Direttur intimat kien laqa' n-notifika tal-ittra uffiċjali li r-rikorrent kien bagħtlu qabel ma kien fetaħ il-kawża (jiġifieri minn Lulju tal-1972), kien jagħmel tajjeb b'mod xieraq għal kull pretensjoni tar-rikorrent. Huma jżidu li r-rimedju waħdien li jista' jingħata tagħtih il-liġi nnifisha u dan billi tgħid li l-ħlas ta' mgħaxijiet huwa r-rimedju li jingħata kull fejn jinstab li xi parti f'kuntratt tkun naqset li twettaq il-parti tagħha jew tagħżel li ttemm qabel waqtha r-rabta kuntrattwali[13]. Fuq kollox, huma jiċħdu l-argument tar-rikorrent li l-għoti 'biss' ta' mgħax bla ma sar aġġustament għall-inflazzjoni fil-munita ma jista' bl-ebda mod imġebbed jitqabbel ma' teħid ta' pussess jew esproprjazzjoni li jwasslu għall-ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-kwestjoni tal-għoti tal-kumpens mistħoqq lir-rikorrent wara li ntemmitlu unilateralment il-ħatra mogħtija lilu kienet il-qofol tal-kawża li huwa kien fetaħ u li damet żmien miexja quddiem il-Qrati u li nqatgħet bis-sentenzi li ssemmew qabel. Il-Qorti tqis ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent f'dik il-kawża li fetaħ ma kenitx waħda ta' likwidazzjoni tad-danni akwiljani, imma waħda ta' likwidazzjoni ta' kumpens minħabba ksur jew nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt. Il-likwidazzjoni kellha ssir minħabba li l-attur (ir-rikorrent tal-lum) fassal it-talba tiegħu f'waħda ta' likwidazzjoni tal-onorarju li kien jistħoqqlu minħabba dak it-temm qabel waqtu tal-kuntratt ta' konsulenza. Tqis ukoll li mill-provi u s-sottomissjonijiet magħmula, hekk kif ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995, id-Direttur intimat ħallas lir-rikorrent l-ammont tas-"*sorte*" maqtugħ bis-sentenza msemmija flimkien mal-imgħaxijiet li jmorru lura wkoll sa minn żmien qabel infetħet il-kawża, kif ordnat b'dik is-sentenza. Ir-rikorrent jaċċetta li rċieva tali ħlas;

[11] Q.E.D.B. **9.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Akkus vs Turkija*** (Applik. Nru. 19263/92) §§ 30 – 1
[12] Q.E.D.B. **25.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Lobarzewski vs Polonja*** (Applik. Nru. 77757/01) §§ 41 – 2
[13] Ara art. 1139, 1140 u 1142 b'rabta mal-art 1125 tal-Kap 16

Illi r-rikorrent iqajjem il-kwestjoni tar-'*restitutio in integrum*' bħala l-għeruq tal-ilment tiegħu fit-tielet talba tiegħu u jgħid li l-ħlas tal-imgħax biss ma huwiex biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal min ikun ġarrab telf minħabba l-għemil ta' ħaddieħor. Huwa jisħaq li l-flus ma ħadhomx f'waqthom imma wara ħafna snin u wara li kellha tingħata sentenza. Iżid jgħid li mkien fil-liġi ma hemm imsemmi li l-ħlas ta' mgħaxijiet iżomm milli jingħata wkoll kumpens li jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni biex iġġib 'integru' r-rimedju li jingħata lil xi parti li tkun ġarrbet telf. Huwa jgħid li l-ħlas tal-prestazzjonijiet professjonali tiegħu huwa 'possediment' fit-tifsira mogħtija fl-artikolu 1tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-kwestjoni tar-'*restitutio in integrum*' bħala rimedju fis-sistema ġuridiku tagħna titlob trattament b'reqqa. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba r-rikorrent jixtieq li jinvoka tali rimedju biex jikseb il-bdil jew it-tħassir ta' dak li stabiliet is-sentenza tal-Qorti tl-Appell f'Lulju tal-1995, jidher li ħaġa bħal din ma tistax issir. Huwa stabilit li r-rimedju tar-'*restitutio in integrum*' ma jistax jintalab biex iwaqqa' jew iħassar sentenza mogħtija, safejn tali sentenza tista' titwaqqa b'rikors għar-rimedju tar-ritrattazzjoni[14] jew bil-mezz tat-teħid ta' proċeduri dwar ksur ta' jedd fundamentali[15];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel kemm dwar l-ewwel talba tar-rikorrent u kif ukoll dwar it-tieni talba tiegħu, il-Qorti tasal għall-fehma li dak li r-rikorrent qiegħed jitlob taħt din it-tielet talba tiegħu huwa sewwasew il-bidla ta' dispożizzjoni ta' sentenza – dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 1995 – li mhux biss għaddiet mill-għarbiel ta' proċedura ta' ritrattazzjoni iżda fejn ir-rikorrent ressaq dwarha lment li kisritlu l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Dan jagħmlu taħt il-kappa ta' ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi mis-sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent joħorġu żewġ ipoteżi li taħthom iressaq dan l-ilment tiegħu: l-ewwel waħda hi li l-imgħax waħdu ma jservix biex jagħmel tajjeb għal dak li kien jista' jagħmel bil-flus tal-kumpens li kieku dawn tħallsu malli talabhom; u t-tieni waħda hi li l-valur tal-flus li tħallas wara bosta snin ma kinux jagħmlu tajjeb għat-telf tal-valur fil-munita matul iż-żmien. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, l-ebda waħda miż-żewġ ipoteżi mressqa mir-rikorrent ma jistgħu jintlaqgħu taħt xi għamla eżistenti jew mistħajla ta' ħaqq jew ekwita'. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis ukoll li l-aggravju tar-rikorrent li ż-żmien li għadda bejn meta tkeċċa mill-ħatra sa ma nqatgħet il-kawża tellfu d-dħul kollu li seta' jikseb kieku ma tkeċċix, timplika li tul dan iż-żmien kollu r-rikorrent ma wettaq l-ebda xogħol professjonali ieħor jew li l-proġett li kien oriġinarjament

---

[14] Ara. App. Inf. **12.7.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi vs Giuseppe Cassar et noe*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **19.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvina Buġeja vs Paola Azzopardi et*** (mhix pubblikata)

[15] Kost. **6.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri vs L-Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.74**) u P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmea Paċe vs Edward Pavia*** (mhix appellata) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

tqabbad iwettaq kellu jibqa' sejjer tul dawn is-snin kollha. Filwaqt li tagħraf u taċċetta li r-rimunerazzjoni jew l-onorarju li r-rikorrent kien jistħoqqlu jitqies b'xi mod bħala "possediment" li jitlob ħarsien taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma jirriżultax, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, li l-għoti ta' mgħaxijiet b'seħħ lura għas-sena 1972 fuq somma likwidata b'mod definittiv minn Qorti f'Lulju tal-1995 jikkostitwixxi ndħil mhux proporzjonat fit-tgawdija ta' ħwejjeġ ir-rikorrent kif irid l-imsemmi artikolu biex jista' jintalab ir-rimedju tar-restituzzjoni sħiħa kif imissha titħaddem fiċ-ċirkostanzi xierqa maħsuba fih[16];

Illi minħabba f'hekk il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma ġabx raġuni tajba biex issib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u għalhekk lanqas it-tielet talba mhi sejra tintlaqa';

Illi **dwar ir-raba' talba** r-rikorrent jilmenta miż-żmien twil li ħadet il-kawża miftuħa minnu kontra d-Direttur intimat sa ma nqatgħet b'mod definittiv. Huwa jgħid li ż-żmien ta' tletin (30) sena jew fuqhom minn mindu fetaħ il-kawża sa ma ngħatat l-aħħar sentenza mill-Qorti tal-Appell kien żmien li bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala wieħed raġonevoli u dan kompla ġablu ħsara u preġudizzju biex jieħu dak li kien ħaqqu. Huwa jitfa' l-ħtija ta' dan kemm fuq l-intimat Direttur u kif ukoll fuq il-Qrati li quddiemhom kien qiegħed jinstema' l-każ tiegħu;

Illi kemm fit-tweġiba u kif ukoll fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jiċħdu li kien hemm dewmien mhux raġonevoli fit-tmexxija tal-kawża miftuħa mir-rikorrent u jżidu jgħidu li, jekk il-każ ikkomplika ruħu u dam ikaxkar dan kien bi ħtija għall-istess rikorrent li baqa' jqajjem kwestjonijiet ġodda jew biddel il-pretensjonijiet tiegħu hi u għaddejja l-kawża;

Illi meta l-Qorti tiġi biex tqis l-ilment tar-rikorrent taħt din ir-ras, tosserva li f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[17];

Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi

[16] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **6.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Scordino et vs Italja (Nru. 3)*** (Applik. Nru. 43662/98) §§ 26 – 9
[17] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164

ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[18];

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[19]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[20];

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[21]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]*"[22]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]*"[23];

---

[18] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[19] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[20] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** f'paġ. 23)
[21] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[22] Ara QEDB **28.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. vs Italja*** (Applik. Nru. 35265/97) § 18
[23] Ara Q.E.D.B. **19.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Culjak vs Kroazja*** (Applik. Nru. 58115/00) § 63

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[24], magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[25]. Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[26];

Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[27]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita' wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[28];

Illi, kif ingħad qabel, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża ma titkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma trid titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, jingħad li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*"[29];

[24] Ara Q.E.D.B. **6.5.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Buchholz vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 7759/77) § 49
[25] Ara Q.E.D.B. **25.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gast & Popp vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 29357/95) § 70
[26] Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***
[27] Ara Q.E.D.B. **01.07.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Pammel & Probsteiner vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 17820/91) § 69
[28] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 227
[29] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228

Illi l-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-każ li għandha quddiemha **kienx hemm tassew ksur tar-regola taż-żmien raġonevoli** fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Jibda biex jingħad li l-proċess kollu nbeda fil-11 ta' Lulju, 1973. L-ewwel xhieda nstemgħet fit-3 ta' Diċembru, 1973, u f'April tal-1974 inħatar Perit Tekniku. Fit-8 ta' Novembru, 1977, huwa ressaq ir-rapport tiegħu[30];

Illi fl-24 ta' Lulju tal-1978[31] ingħatat sentenza *in parte* mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li reġgħet qabbdet lill-Perit Tekniku biex jirrelata fuq il-linji maqtugħa fl-imsemmija sentenza. L-attur (ir-rikorrent tal-lum) appella minn dik is-sentenza. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 1979 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-attur u ħassret is-sentenza appellata u bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti. L-imħallef sedenti astjena milli jibqa' jisma' aktar il-każ f'Novembru tal-1979, u l-kawża baqgħet titħalla minn data għal oħra sa Ottubru tal-1982. Sadattant, il-kawża ntbagħtet quddiem imħallef ieħor;

Illi b'sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 1983[32], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel tliet talbiet tal-attur u reġgħet qabbdet lill-Perit Tekniku biex jirrelata skond il-parametri tad-deċiżjoni mogħtija. L-imħarrek Direttur appella minn dik is-sentenza, u l-attur inqeda b'dak l-appell biex ressaq appell inċidentali. L-appell kien trattat f'Ottubru tal-1985 u tħalla għas-sentenza dakinhar. Il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza fl-4 ta' Novembru tal-1987[33] billi ċaħdet kemm l-appell prinċipali u kif ukoll dak inċidentali u reġgħet bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti;

Illi l-ewwel Qorti reġgħet tat il-ħatra lill-Perit Tekniku biex jirrelata skond il-kriterji stabiliti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' April, 1983. Il-Perit ressaq ir-Relazzjoni tiegħu fil-31 ta' Jannar, 1989[34], meta sadattant, il-kawża kienet assenjata biex tinstema' quddiem imħallef ieħor. Wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza f'Ġunju tal-1989, f'Novembru[35] dik il-Qorti waqfet mill-għoti tas-sentenza u reġgħet għaddiet il-ħatra lill-Perit Tekniku biex jirrelata mill-ġdid dwar xi punti mqajmin mill-partijiet fin-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom. Il-Perit Tekniku ressaq it-tielet Relazzjoni tiegħu fit-30 ta' Jannar, 1990[36], li biha wieġeb għall-kweżiti magħmulin lilu mill-Qorti;

Illi f'April tal-1991, il-kawża kienet assenjata biex tinstema' minn imħallef ieħor, li, madankollu, b'Nota mressqa fit-28 ta' Mejju, 1991[37], astjena milli

[30] Paġġ. 51 sa 81 tal-atti taċ-Ċit. Nru. 558/73VS
[31] *Ibid.* paġġ. 109 sa 121
[32] *Ibid.* paġġ. 181 – 200
[33] *Ibid.* paġġ. 233 – 249
[34] *Ibid.* paġġ. 278 – 287
[35] *Ibid.* paġġ, 297 – 8
[36] *Ibid.* paġġ. 305 – 315
[37] *Ibid.* paġ. 403

jkompli jisma' l-kawża minħabba raġuni maħsuba fil-liġi. F'Awwissu tal-1991, il-Qorti presjeduta minn imħallef ieħor reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ. Wara li f'Ġunju tal-1992 il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal Novembru, hija tat is-sentenza fid-29 ta' Ottubru, 1993;

Illi l-attur appella minn dik is-sentenza f'Novembru tal-1993, filwaqt li d-Direttur imħarrek ressaq appell inċidentali xahar wara. Il-Qorti tal-Appell qiegħdet l-appell għas-smigħ f'Ottubru tal-1994 u tat is-sentenza fil-5 ta' Lulju, 1995;

Illi minn dik is-sentenza l-attur ressaq il-proċedura għar-ritrattazzjoni fl-4 ta' Ottubru, 1995. Il-Qorti tal-Appell qiegħdet ir-rikors għat-trattazzjoni għall-15 ta' Novembru, 1996. Fis-smigħ tal-25 ta' Frar, 1997, qamet il-kwestjoni dwar jekk kienx hemm raġuni għall-astensjoni tal-imħallfin li kienu taw is-sentenza impunjata. Għalkemm b'Nota mressqa dakinhar, tnejn mill-imħallfin astjenew milli jkomplu jisimgħu l-kawża, il-kawża baqgħet titħalla minn data għal oħra minn Marzu tal-1997 sa Jannar tal-2002 biex tipprovdi dwar l-episodju tal-astensjonijiet (li diġa' kienu saru);

Illi f'Ottubru tal-2002, il-Qorti tal-Appell kienet kostitwita u semgħet it-trattazzjoni tal-kawża u, wara li tressqu Noti ta' Sottomissjonijiet, tat is-sentenza fis-17 ta' Frar, 2003;

Illi minn din is-sensiela kronoloġika joħroġ li, matul iż-żmien li kienet għaddejja l-imsemmija kawża, kien hemm minn tal-anqas seba' (7) sentenzi mifruxa fuq iż-żewġ istanzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell. Il-Perit Tekniku tqabbad jirrelata minn tal-anqas tliet darbiet. Kien hemm ukoll bdil ta' bosta imħallfin li għandhom għaddiet il-kawża. Kien hemm ukoll sensiela mdaqqsa ta' differimenti amministrattivi li fihom ma sar xejn, u f'xi drabi, fuq medda ta' snin. Irid jingħad ukoll li l-kwestjoni ma kenitx waħda sempliċi, għaliex kellha tkun trattata u deċiża n-natura tal-ħatra mogħtija lir-rikorrent u liema sistema ta' kumpens kellu jintuża biex jindirizza t-tmiem ta' dik il-ħatra u r-raġuni li għaliha saret. Minbarra dan, kif jixhdu l-għadd ta' atti ġudizzjarji mressqin mill-partijiet, il-kwestjoni tal-kalkolu tal-kumpens li l-attur kien jistħoqqlu wkoll kienet materja li ma kenitx ta' soluzzjoni ħafifa, wkoll wara li l-Qorti kienet stabbiliet (f'April tal-1983 u konfermata f'Novembru tal-1987) iċ-ċirkostanzi tat-temm tal-ħatra. Huwa fatt ukoll li fi tliet okkażjonijiet (wara s-sentenza ta' Lulju tal-1978, wara s-sentenza ta' Ottubru tal-1993 u wara s-sentenza ta' Lulju tal-1995) kien l-attur li ressaq atti biex jattakka l-imsemmija sentenzi. Dan ma jfissirx li dan għamlu b'mod fieragħ, għaliex kien qiegħed jinqeda bi dritt li kienet qiegħda tagħtih il-liġi. Imma l-effett li dawn it-tliet okkażjonijiet kellhom fuq it-tul tal-proċediment ma jistgħux ma jitqisux ukoll meta l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk kienx hemm dewmien mhux mistħoqq u min seta' kien jaħti għalih. Ta' min jgħid ukoll li, matul

dawn il-fażijiet ta' appell, ir-rikorrent kien iressaq atti biex iħeġġeġ lill-Qorti tisma' l-każ mill-aktar fis minħabba li l-kawża kienet ilha tterraq;

Illi din il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, issib li ż-żmien li ħadet il-kawża miftuħa mir-rikorrent sa ma nqatgħet ma kienx wieħed raġonevoli u jista' jingħad li dan ġab ħsara lir-rikorrent, ukoll kieku wieħed ma kellux iqis il-fażi meta huwa nieda l-proċeduri tar-ritrattazzjoni tas-sentenza maqtugħa mill-Qorti tal-Appell f'Lulju tal-1995 (billi strettament wieħed jista' jargumenta li l-kawża ngħalqet mal-għoti ta' dik is-sentenza);

Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ[38], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba l-għoti ta' rimedju xieraq li jagħmel tajjeb għall-ksur tal-jeddijiet tagħha[39]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*"[40];

Illi fil-każ tal-lum ir-rikorrent ma ressaq l-ebda pretensjoni speċifika tal-kumpens li jippretendi. Il-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wara li qieset il-kriterji mħaddmin mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-Qrati tagħna[41], hija tasal għall-fehma li għall-ksur tal-jedd imġarrab mir-rikorrent ma tgħoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur iżda lanqas għandha ssir likwidazzjoni ta' danni kif isir fi proċediment ordinarju f'azzjoni għad-danni. Issib li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jingħata kumpens morali[42]. Meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti waslet għall-fehma li dan il-kumpens għandu jkun ħlas fis-somma ta' ħamest elef (€ 5,000) li l-intimati solidalment iridu jagħmlu tajjeb għalihom;

---

[38] K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4
[39] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***
[40] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***
[41] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) GV **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cassar vs L-Avukat Ġenerali*** u Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***
[42] Kost. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***John A. Said pro et noe vs L-Avukat Ġenerali***

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' r-raba' talba billi ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u sejra tordna lill-intimati jħallsuh is-somma msemmija bħala kumpens morali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** billi ma ntweriex li s-sentenzi msemmijin u li minnhom jilmenta r-rikorrent kisru jew jiksru l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba** billi din hija konsegwenzjali għal ta' qabilha u billi l-limitazzjonijiet li ssemmi l-liġi taħt dik il-kawżali speċifika ta' ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(ħ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ntwera li ikkawżaw l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrent;

**Tiċħad it-tielet talba** billi l-mod ta' kumpens stabbiliti bl-imsemmija sentenzi ma jwassalx għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu skond l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

**Tilqa' r-raba' talba** billi ssib li ż-żmien li ħadet il-kawża mibdija minnu kontra d-Direttur intimat sakemm inqatgħet ma kienx raġonevoli u jikser il-jedd tal-istess rikorrent kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-intimati safejn ma jaqblux ma' dak hawn deċiż;

**Tordna** lill-intimati, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef euro (€ 5,000) bħala danni morali biex jagħmlu tajjeb għall-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq; u

**Tordna** wkoll li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,** | **Tania Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |
| **21 ta' Frar, 2017** | **21 ta' Frar, 2017** |